DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 162750** **03.12.2016**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦAT-TRASPORT U L-INFRASTRUTTURA**

***Il-monument nazzjonali tas-Sette Giugno lura fi Pjazza San Ġorġ***

Matul il-lejl li għadda saret ħidma intensiva biex hekk kif kien tħabbar mill-Gvern, il-monument tas-Sette Giugno jerġa' jitqiegħed lura fi Pjazza San Ġorġ.

Wara eżerċizzju ta' konsultazzjoni pubblika aktar kmieni din is-sena, ħareġ biċ-ċar li x-xewqa tal-maġġoranza tal-poplu kienet li l-monument imur lura f'postu, jiġifieri fi Pjazza San Ġorġ.

Wara li fil-ġimgħat li għaddew saru studji tekniċi biex jikkonfermaw li dan jista' jsir, tħabbar li d-deċiżjoni tal-Gvern se tkun qed tirrispetta din ix-xewqa biex dan il-monument nazzjonali, li huwa wieħed dinjituż fl-istorja kostituzzjonali ta' pajjiżna, jikseb lura l-glorja tiegħu.

Taħt is-sorveljanza tal-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, matul il-lejl li għadda, il-monument tneħħa minn Ġnien Hastings u ġie trasportat lejn Pjazza San Ġorġ f'ħidma delikata li damet għaddejja għal numru ta' sigħat. Fil-ġranet li ġejjin, se jkunu qed isiru l-aħħar xogħlijiet fuq il-post.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt